# Iċ-ċurkett ta' San Pietru

*Fr Charles Buttigieg*

**Iċ-Ċurkett tal-Papa**

Dan huwa ċ-ċurkett li jilbes il-Papa u jissejjaħ bil-latin 'annulus piscatoris' jew 'iċ-ċurkett tas-sajjied' u dan għal San Pietru li kien sajjied fil-baħar tal-Galilleja u wkoll sajjied tal-bnedmin. Infatti ċ-ċurkett tal-Papa Franġisku fih l-immaġni ta' San Pietru Papa biċ-ċwievet f'idejh. Tal-Papa Benedittu XVI kien bl-immaġni ta' San Pietru bħala sajjied jitfa' x-xibka għall-ħut (ara Luqa 5:1-11). Dan iċ-ċurkett juri fuq kollox l-awtorità tal-Papa u l-imħabba tiegħu lejn il-Knisja Universali. Proprjament iċ-ċurkett tal-Papa Franġisku kien magħmul mill-iskultur Enrico Manfrini għal Papa l-Beatu Pawlu VI imma dan qatt ma ġie rrealizzat fil-metall għaliex Pawlu VI kien libes iċ-ċurkett marbut mal-Konċilju Vatikan II. Manfrini miet fl-2004 u kien ħadem oġġetti reliġjużi għal Papa Piju XII, Pawlu VI u għal San Ġwanni Pawlu II. Il-forma taċ-ċurkett ta' Manfrini għaddiet l-ewwel għand is-segretarju ta' Pawlu VI, Mons. Arċisqof Pasquale Macchi, imbagħad għal għand Mons. Ettore Malnati kappillan tal-Parroċċa 'Nostra Signora della Provvidenza e di Sion' fi Trieste. Fl-2007 xi żingari daħlu jisirqu f'din il-parroċċa imma dan iċ-ċurkett baqa' bla mittiefes. Dan iċ-ċurkett huwa tal-fidda.



*Ċurkett tal-Papa Benedittu XVI*

**Iċ-Ċurkett fil-Bibbja**

Iċ-ċurkett huwa ornament sabiex jiddekora lill-bniedem partikularment l-idejn tiegħu. Il-kelma ebrajka hija 'tabba'ath' li tfisser 'tegħreq' għaliex iċ-ċurkett tas-siġilli kien jegħreq fix-xema' biex iħalli l-marka u s-siġill tiegħu. Kien jintlibes mir-rejiet u mill-imperaturi. Il-kelma griega 'daktulis' turi ċurkett ta' awtorità jew 'chrusodaktulis' jiġifieri ċurkett tad-deheb u tas-sinjuri. Jintuża bħala siġill kif naraw f'Ġenesi 38:18 fl-episodju ta' Ġuda u Tamar: "Is-siġill tiegħek, u l-qafla tiegħek u l-ħatar li għandek f'idek". Fil-Malti għandna wkoll il-kelma 'ħatem' li tfisser ċurkett jew siġill. Fuq kollox juri awtorità kif insibu f'Ġenesi 41:12 fejn il-Farun libbes iċ-ċurkett lil Ġuzeppi u għamlu Viċi Re tal-Eġittu wara li fisser il-ħolm u fuq kollox jagħti dinjità kif naraw fil-parabbola tal-Iben il-Ħali fejn il-missier ilibbes iċ-ċurkett lil ibnu li kien mitluf u reġa' ġie lura d-dar u għamillu festa (ara Luqa 15:22). Iċ-ċrieket kien ikollhom ħaġra prezzjuża jew l-isem tal-persuna li tilbsu (ara Eżodu 28:11). Iċ-ċurkett fuq kollox kien juri r-rabta taż-żwieġ u l-fedeltà dejjiema fejn iċ-ċirku ma jurix tmiem u kien jilbsu r-raġel u l-mara fil-festa tat-tieġ li kienet ġrajja importanti fil-ħajja tal-poplu Lhudi. Iċ-ċurkett juri fedeltà tal-patt u jirrifletti l-patt tal-melħ li nsibu fil-Ktieb tan-Numri 18:19.



*Ċurkett tal-Papa Franġisku*

**Is-Simboliżmu**

Il-forma ċirkulari hija s-simbolu tal-eternità. Fl-orjent iċ-ċrieket maġiċi kienu jipproteġu mis-saħta u mill-mard. Fil-kultura Griega ċ-ċurkett kien ifisser bniedem liberu. Ir-Rumani kienu jipprattikaw ir-rit tal-għoti taċ-ċrieket fiż-żwiġijiet liema prattika daħlet fil-kulturi kollha. Il-qassisin tal-alla pagan Ġupiter kienu jilbsu ċrieket tad-deheb. Hemm is-simboliżmu tal-poter, kontroll u 'status' marbut maċ-ċurkett. Fil-kristjaneżmu ċ-ċurkett jrid ifisser il-fedeltà dejjiema taż-żwieġ, fejn il-forma ċirkulari taċ-ċurkett ma' għandhiex punt ta' tmiem, hekk ukoll l-imħabba fiż-żwieġ. Iċ-ċurkett li jingħata lir-reliġjużi huwa simbolu tar-rabta tagħhom ma' Kristu bħalma ġara lil Santa Katerina ta' Lixandra fil-viżjoni li kellha. Iċ-ċurkett tal-isqof ifisser ukoll ir-rabta tiegħu mal-Knisja 'signaculum fidei' u fuq kollox l-awtorità tiegħu bħala ragħaj spiritwali. B'hekk tajna ħarsa ħafifa lejn iċ-ċurkett fil-bibbja u s-simboliżmu kollu marbut miegħu li jilħaq il-qofol fiċ-ċurkett tal-Papa li marbut fuq kollox ma' San Pietru, l-Ewwel Papa.

**Biblijografija**


Corti, G., *Il Papa vicario di Pietro. Contributo alla storia dell'idea papale, I, Dal Nuovo Testamento a Leone Magno*, Brescia 1966.

Cullmann, O., "*Petros, Kéfas*", in *TWNT* 6 (1956) 99–112.

Grogan, G., "New Testament Christology or New Testament Christologies?", in *Themelios* 25, 60-73.

Govier, G., "Biblical Archaeology's top ten discoveries of 2013", in *Christianity Today* (December) 2013.

Hengel, M., *Saint Peter: the underestimated apostle*, Grand Rapids (MI) 2010.

Lurker, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

Rudman, D., "The significance of the phrase 'fishers of men' in the synoptic gospels", in *Irish Biblical Studies* 26 (2005) 106-118.

Strickert, F., "Why the fishing town Bethsaida is not found along the shore of the Sea of Galilee", in *The Bible and Interpretation* (2011) 1-20.



**Tony Muscat**

ICE-CREAM

89-92, St. Patrick Street, Birżebbuġa
Tel: 21 658677
Mob: 7906 5560 - 79441147
**ĠELAT MAĦDUM ĠENWINAMENT**





**R.J. BONNICI** - FOR FRESH POULTRY

WHOLE CHICKEN - WHOLE LEGS - WINGS & BREAST
DRUMSTICKS - NECKS - LIVER & GIZZARDS

Free Delivery

**PHONE FOR YOUR ORDER**
**TEL: 2165 1402 MOB: 7991 4183**